# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 1582/96 AJM

Kawza numru

Agius Marble Works Limited

Vs

Angelo Xuereb Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-14 ta' Mejju 1996 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef hames mija u sittin lira maltin (LM4,560) rappresentanti l-bilanc ta' prezz ta' xogholijiet ezegwiti mis-socjeta' attrici fil-Phoenicia Hotel, Valletta u dana fuq inkarigu tal-istess socjeta' konvenuta kif ukoll ta' materjal minnha ordna u lilha konsenjat; illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet kemm'l darba interpellata sabiex tersaq ghall-hlas, anke permezz ta' ittra ufficjali, hija baqghet dejjem inadempjenti; talbet li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ LM4,560.00 rappresentanti bilanc ta’prezz ta’ materjal minnha ordnat u lilha kkonsenjat u ta’ xogholijiet ezegwiti mis-socjeta’ attrici fil-Phoenicia Hotel, Valletta, u dana fuq inkarigu tal-istess socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta’ Ottubru 1995, u bl-imghax legali mid-data tat-terminazzjoni tax-xoghol ezegwit, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda ta’ l-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fl-14 ta’ Novembru 1996 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi kull ammont dovut kien imhallas.
2. Illi l-bilanc tas-somma li kienet dovuta lis-socjeta’ attrici, wara t-tnaqqis maghmul mill-konsulenti tal-kljenti, it-tnaqqis tal-Measuring Fee, u tal-Progress Payments, kienet tammonta ghall-sitt mija u hdax il-lira u disgha u sebghin centezimu (LM611.79).
3. Illi din is-somma thallset interament mill-eccipjenti fis-sitta ta’ Gunju 1995 bic-cekk numru wiehed zero wiehed wiehed (1011).

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tat-3 ta’ Marzu 1997 ta’ din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti sabiex tigi trattata u deciza ghas-seduta tal-14 ta’ Mejju 1997.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

B'kuntratt ta' sub-appalt datat 25 ta' Jannar 1993, s-socjeta' konvenuta bhala kuntrattur principali fix-xoghol ta' refurbishment tal-Phoenicia Hotel, Floriana kienet ghaddiet ix-xoghol ta' fornitura u tqeghid ta' "hard stone slabs at 4th floor level at the Phoenicia Hotel, Floriana" lis-socjeta' attrici u dana bil-prezz ta' LM23 il-metru kwadru. Dan is-sub-appalt kellu jibda fis-27 ta' Jannar u x-xoghol kollu jigi terminat mhux aktar tard mil-20 ta' Frar 1993.

Mid-dokumentazzjoni u xhieda prodotta jidher li s-socjeta' attrici kienet inghatat xoghol iehor mis-socjeta' konvenuta fl-istess stabbiliment izda ma ingiebet ebda prova dwar dan billi ukoll jidher li l-maggor kritika kienet fil-konfront ta' dan ix-xoghol.

Is-socjeta' attrici qedha titlob il-hlas ta' somma bilancjali ammontanti ghal LM4,560. Is-socjeta' konvenuta qedha teccepixxi l-pagament totali ta' kull ammont dovut. Infatti jidher li l-pretensjoni tas-socjeta' konvenuta hija fis-sens li hija hallset kull bilanc rizultanti wara li mill-kont tas-socjeta' attrici tnaqset somma ghall-difetti fix-xoghol fl-ammont ta' LM2405 kif ukoll wara li tnaqqset is-somma ta' LM76.00 bhala drittijiet ghall-kejl tax-xoghol. Ghalhekk is-socjeta' konvenuta sostniet li l-bilanc rimanenti ta' LM611.79 thallas b'cheque.

Effettivament irrizulta waqt is-smiegh tal-kawza li jekk sar dan il-pagament, ic-cheque qatt ma gie imsarraf. Ghalhekk din l-allegazzjoni ossia eccezzjoni giet irtirata fl-udjenza.

Il-process jipprezenta zewg problemi u cioe:-

a) Kemm hu l-ammont bilancjali verament dovut.
b) Ghandhomx jonqsu ammonti ghall-allegati difetti.

**Bilanc dovut.**

Meta wiehed jaghmel paragun bejn dak li qed jippretendi l-attur u dak li l-konvenut qed jghid li 'kien' dovut, anke minghajr ma wiehed jiehu in konsiderazzjoni d-"deductions", isib li ma hemmx qbil bejn il-partijiet. L-attur jippretendi LM4,560, filwaqt li l-konvenut jikkoncendi LM3,092.79.

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni da parti ta' l-attur dwar l-allegati pagamenti ta' LM1,000, LM1,500 u LM2,000 li saru rispettivament fil-15 ta' Mejju 1993, fis-27 ta' Awissu 1993 u fit-8 ta' Ottubru 1993. Infatti l-attur ikkontesta biss l-allegat pagament ta' LM611.79. Issa jekk wiehed jhares lejn id-dokument a fol 17 tal-process konsistenti f'kont dettal tax-xogholijiet preparat mis-socjeta' attrici flimkien ma rappresentant tas-socjeta' konvenuta u iffirmat minn Reno u Charles Agius ghas-socjeta' attrici, jirrizulta li l-ammont totali dovut ghax-xogholijiet ta' "Marble works at the Phoenicia Hotel, Floriana" huwa ta' sebat elef hames mija tnejn u disghin lira maltin disgha u sebghin centezimu (LM7592.79). Jekk minn dan l-ammont jitnaqqas l-ammont ta' LM4,500

imsemmi aktar il-fuq, jirrizulta bilanc favur is-socjeta’ attrici ta’ LM3,092.79 u mhux dak imsemmi fic-citazzjoni.

Minn dan l-ammon imbaghad trid certament tonqos is-somma ta’ LM76 rappresentanti “measuring fees” kif kontemplat fil-kuntratt ta’ sub appalt fuq imsemmi (Klaesola 3). Jiqa’ ghalhekk bilanc ta’ LM3016.79.

**Tnaqqis ghad-difetti.**

Is-socjeta’ konenuta qed isostni li hija ma ghandha taghti xejn lill-attur, jew ghal menu ghandha thallas biss is-somma ta’ LM611.79, billi l-konsulenti strangieri tas-socjeta’ Phoenicia Hotel Co. Ltd kienu ordnaw li jitnaqqsu certa ammonti fil-konfront tax-xogholijiet ezegwiti mis-socjeta’ attrici u dana billi instabu xi difetti fl-ezekuzzjoni tal-istess xoghol.

In sostenn ta’ din l-allegazzjoni taghhom s-socjeta’ konvenuta resqet certifikat (fol 66 et sequitur) allegatament rilaxxat mid-ditta ta’ Quantity Surveyors tal-Inghilterra maghrufa bhala Hills, fejn dawn elenkaw “Snagg list” tax-xoghol difettuz u li kellu jittranga u fost affarijiet ohra jissemma “Remedial work to Main Stair, Gozo stone cladding etc”. Dan ix-xoghol rimedjali kien gie stmat fl-ammont ta’ LM1,400. Is-socjeta’ konvenuta qed isostni li dan ix-xoghol rimedjali qatt ma sar mis-socjeta’ attrici u ghalhekk dan l-ammont gie imnaqqas mill-kont finali tas-socjeta’ konvenuta.

L-attur jghid li waqt l-ezekuzzjoni tax-xogholijiet, meta kien jkun hemm prezenti sew rappresentant tas-socjeta’ konvenuta, kif ukoll rappresentant u cioe Perit mid-ditta Mangion & Mangion, li kienu jirrapresentaw

l-periti tas-socjeta' estera imqabda bhala "consultants", huwa qatt ma irceva l-ickenn ilment dwar ix-xoghol tieghu u sahansitra wara li sar il-kejl huwa beda jithallas regolari minghajr ebda riserva. Inoltre jghid l-attur, l-allegazzjoni ta' xoghol difettuz tfaccat biss wara li huwa beda jinsisti ghal hlas ghas-saldu u interpella ufficjalment lis-socjeta' konvenuta.

Din il-Qorti, tenut kont tal-provi prodotti hija tal-fehema li l-allegazzjoni tas-socjeta' konvenuta ma ghandhiex fondament. Fl-ewwel lok id-dokument a fol 66 tal-process la huwa iffirmat u lanqas ma tressqet xi persuna biex tispjega l-kontenut u l-portata tieghu. Inoltre l-Perit Camilleri tad-ditta Mangion & Mangion ddikjara li hu ma jaf b'ebda ilment fil-konfront tas-socjeta' attrici. Fl-ahharnett jirrizulta mir-rapport tas-surveyors Zammit & Associates, inkarigati mis-socjeta' konvenuta biex jaghmlu l-kejl tax-xoghol in kwistjoni (fol 116) li ma hemm ebda kumment dwar dan ix-xoghol hlief biex isir xi mili ta' hofra fl-istess cladding.

Jidher ghalhekk li l-konvenut ma ppruvax l-allegazzjoni tieghu dwar l-ezistenza ta' difetti fx-xoghol ezegwit mill-attur u anqas u anqas ma ipprova li finalment dak allegat dwar tnaqqis suggerit mil-konsulenti ta' sid il-post, gie attwat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta tipprovdi dwar din il-vertenza billi tiddikjara li l-ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala bilanc ta' prezz ta' xoghol u materjal minn ezegwit u fornit, jammont ghas-somma ta' tlett elef u sittax il-lira maltin disgha u seghin centezimu (LM3016.79) u mhux dak pretiz fic-citazzjoni u konsgwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta

thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont hekk dikjarat dovut bl-imghax legali mil-lum billi l-ammont qed jigi likwidat llum.

L-ispejjes fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati kwantu ghal terz mis-socjeta’ attrici u zewg terzi mis-socjeta’ konvenuta.

Onor Imhallef Albert J. Magri